**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 176/2022/1 NC**

**William Dingli**

**vs.**

**Gozo Channel Operations Ltd**

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tlieta 15 ta' Frar 2022**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent William Dingli (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fl-4 ta' Frar 2022 fejn ir-rikorrent talab li din il-Qorti żżomm lis-soċjeta' intimata milli:

*"tkeċċi, jew ttermina l-impieg, jew bi kwalunkwe mod tbiddel l-istatus quo, jew tikkawżalu li jsofri xi detriment jew preġudizzju ieħor minħabba l-mertu ta' dan ir-rikors jew kwalsiasi raġuni relatata miegħu, jew tieħu xi passi li jistgħu iċaħħdu lill-esponenti mir-remunerazzjoni tiegħu, jew tbiddillu b'mod unilaterali l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu b'mod illi jitpoġġa f'qagħda li tikkomporta de-kwalifikazzjoni ta' l-istatus*

*professjonali tiegħu u/jew timmina d-dinjita' professjonali tiegħu, u/jew tissottomettieh għal trattament umiljanti u degradanti."*

Rat id-Digriet tagħha tal-4 ta' Frar 2022 (*a fol.* 47) fejn il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament, ordnat notifika tar-Rikors bi żmien għar-Risposta u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tal-11 ta' Frar 2022.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' intimata Gozo Channel Operations Ltd (*a fol.* 55 *et seq.*) ippreżentata fil-11 ta' Frar 2022 fejn is-soċjeta' intimata opponiet għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan għal diversi raġunijiet hemm elenkati.

Semgħet, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2022, is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

**Ikkunsidrat**

Illi l-għan ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lil parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Bil-liġi jeħtieġ li biex ir-rikorrent ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat bħal dak, huwa għandu juri s-segwenti:

- li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrent ser isofri preġudizzju;

- li r-rikorrent ikun jidher li għandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.

Dawn l-elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak. *In oltre* huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat, il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi

żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest ta' dak li ngħad hawn fuq huwa ċar u ben stabbilit. Il-Qorti tenfasizza illi kull eżami li tagħmel hi f'dan l-istadju jibqa' limitat għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi l-vertenza fil-mertu tibqa' riżervata għal dik il-Qorti li eventwalment tiġi adita bil-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors jingħad, fost l-oħrajn, illi fis-sena 2015 ir-rikorrent Dingli applika b'suċċess għal kariga ta' *Port Facility Security Officer* taċ-Ċirkewwa u l-Imġarr Port Facility Terminals u kien jirraporta direttament lil Kap Eżekuttiv u li fost ir-responsabilitajiet u l-obbligi tas-soċjeta' intimata Gozo Channel Operations Ltd hemm l-obbligu li l-*Port Facility Security Officer* għandu jingħata l-awtorita' kollha meħtieġa biex jikkomunika direttament u jeżegwixxi l-istruzzjonijiet ta' l-Awtorita' ta' Trasport f'Malta. Ir-rikorrent jilmenta li, wara ftit xhur fil-kariga, beda jħoss li ma bediex jingħata l-għajnuna, ir-riżorsi u/jew l-awtorita' meħtieġa sabiex ikun jista' jaqdi dmirijietu kif suppost u minkejja li lmenta dwar dan mas-soċjeta' intimata, kien kollu għalxejn. Jgħid li s-soċjeta' intimata bdiet tieħu deċiżjonijiet *tramite* ħaddiema oħra (inkluż l-*Assistant Port Facility Security Officer*) mingħajr l-involviment tiegħu u li f'Awwissu 2016 ġie nfurmat mis-soċjeta' intimata li kienet ser tagħmel tibdil unilaterali tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu b'dan illi minn *Port Facility Security Officer* kienet ser tagħmlu *Assistant Port Facility Security Officer* u kif ukoll *Assistant Designated Person Ashore*, liema tibdil baqa' ma seħħx. Ir-rikorrent jgħid ukoll li fil-11 ta' Novembru 2016 is-soċjeta' intimata ħarġet sejħa sabiex timpjega *Chief Security and Senior Port Facility Security Officer* u li fid-29 ta' Novembru 2016 ir-rikorrent ġie ordnat ma' jikkomunikax ma' terzi mingħajr awtorizzazzjoni tal-*Head of Security*. Kien in segwitu ta' dan li r-rikorrent intavola proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali kontra s-soċjeta' intimata rigward dak li hu jsejjaħ bħala aġir diskriminatorju. Ir-rikorrent jgħid li għal darba, darbtejn inħarġu akkużi dixxiplinari kontrieh, liema akkużi ġew abbandunati mis-soċjeta' intimata b'dan illi fit-tieni darba huwa ġie

sospiż minn xogħlu u baqa' hekk sospiż. Jingħad li l-kawża quddiem it-Tribunal Industrijali waslet fi stadju avvanzat ħafna u li s-soċjeta' intimata ordnatlu sabiex jirritorna lura għax-xogħol fil-31 ta' Jannar 2022 liema data ġiet estiża b'ġimgħa għas-7 ta' Frar 2022.

Illi r-rikorrent jgħid li meta talab lil Human Resources jikkonferma li kien ser jidħol lura fil-kariga u responsabilitajiet li kellu u li kien ser jirraporta lil Kap Eżekuttiv u li kien ser jingħata l-ħin u l-appoġġ neċessarju sabiex jaqdi dmirijiet mingħajr ebda restrizzjonijiet abbużivi u llegali, is-soċjeta' intimata nfurmatu li kien ser ikun mistenni li jaħdem taħt id-direzzjoni diretta tal-persuna li kienet l-*Assistant Port Facility Security Officer* tiegħu qabel ġara dan kollu.

Illi r-rikorrent jilmenta, fost l-oħrajn, hekk:

- *" l-intenzjoni tas-soċjeta' intimata hija ċara u manifesta, u kull ma trid tagħmel bl-ordni tar-ritorn preżenti fi stadju matur tal-kawża li ser tiddeċiedi fuq il-mertu tal-kwistjoni kollha huwa li tumiljah u/jew tippreġudika l-pożizzjoni tiegħu u/jew b'xi mod issib ħtija fir-rikorrent li tiġġustifikaha li tieħu azzjni kontrih sabiex teħles minnu"* (*a fol.* 6);

- *"[F]'każ li s-soċjeta' intimata titħalla tkompli sejra bil-pjanijiet tagħha bil-mod fuq deskritt u tittermina l-impieg tal-esponenti huwa ser ibati ħsara irrimedjabbli inter alia għaliex il-kariga tiegħu hija waħda eżekuttiva li teħtieġ fiduċja speċjali u l-esponenti jispiċċa li ma jkollux rimedju effettiv għaliex huwa jkun prekluż milli jiġi "re-instated" ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll peress li l-posizzjoni tiegħu fl-istruttura tas-soċjeta' intimata tintilef minnu darba għal dejjem f'idejn ħaddieħor. <u>Fi kliem ieħor jitlef xogħlu darba għal dejjem mingħajr ma jkollu rimedju effettiv u adekwat</u>"* (*a fol.* 7).

Illi, da parte tagħha, is-soċjeta' intimata kkonfermat, fost l-oħrajn, li fis-27 ta' Diċembru 2016 u fid-9 ta' Frar 2017 nħarġu żewġ *letters of charges* u wara l-ittra tas-sena 2017, ir-rikorrent ġie sospiż bil-paga skont il-ftehim kollettiv viġenti sakemm jintemm il-proċess dixxiplinari. Jingħad ukoll mis-soċjeta' intimata li tali dixxiplina fil-

konfont tar-rikorrent baqgħet ma seħħitx minħabba raġunijiet varji li ma kienux fil-kontroll tagħha u li fis-17 ta' Jannar 2022 ħadet deċiżjoni biex twaqqa' ċ-*charges* tar-rikorrent u hu ġie msejjaħ jirritorna lura għax-xogħol fir-rwol li kellu qabel ma' ġie sospiż u mingħajr ebda tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu (Dok. "GC 2" – *a fol.* 65 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, mingħajr ma' l-Qorti tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, fir-rigward tal-elementi neċessarji sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' il-ħruġ tal-mandat odjern, il-Qorti tirrikonoxxi illi hemm proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, liema proċeduri ġew intavolati mir-rikorrent kontra s-soċjeta' intimata u liema proċeduri jirrigwardaw allegat aġir diskriminatorju. Il-Qorti tirrikonoxxi wkoll li r-Rikors *ossia* Mandat ta' Inibizzjoni odjern ġie ntavolat mir-rikorrent wara li hu ġie nfurmat mis-soċjeta' intimata sabiex jattendi għax-xogħol fil-31 ta' Jannar 2022 liema data ġiet estiża għas-7 ta' Frar 2022.

Illi fil-Mandat ta' Inibizzjoni odjern, ir-rikorrent jitlob li s-soċjeta' intimata tiġi miżmuma milli: *"tkeċċi, jew ttermina l-impieg, jew bi kwalunkwe mod tbiddel l-istatus quo, jew tikkawżalu li jsofri xi detriment jew preġudizzju ieħor minħabba l-mertu ta' dan ir-rikors jew kwalsiasi raġuni relatata miegħu, jew tieħu xi passi li jistgħu iċaħħdu lill-esponenti mir-remunerazzjoni tiegħu, jew tbiddillu b'mod unilaterali l-kondizzjonijiet tax-xogħol tiegħu b'mod illi jitpoġġa f'qagħda li tikkomporta de-kwalifikazzjoni ta' l-istatus professjonali tiegħu u/jew timmina d-dinjita' professjonali tiegħu, u/jew tissottomettieh għal trattament umiljanti u degradanti"* (*a fol.* 1).

Illi minn imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta li ser isir dak li r-rikorrent qed jitlob li s-soċjeta' intimata tiġi miżmuma milli tagħmel. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li s-soċjeta' intimata, iswed fuq l-abjad tgħid: *"ma hemm l-ebda raġuni għaliex is-soċjeta' intimata għandha tkeċċi lir-rikorrenti u lanqas hemm prova fuq dan. [...] Mhux talli is-soċjeta' intimata ma tridx tkeċċi lir-rikorrenti iżda din qeda tagħmel l-oppost billi tirrevoka c-charges pendenti kollha li hemm kontra l-istess rikorrenti"* (*a fol.* 57). Fl-istess waqt is-soċjeta' intimata tgħid li

ma tarax il-lok li tibqa' żżomm lir-rikorrent sospiż mix-xogħol waqt li huwa qed jirċievi l-paga, meta huwa jista' jkompli bix-xogħol tiegħu. Il-Qorti tgħid ukoll li minn imkien ma jirriżulta li l-paga tar-rikorrent ser tintmess u ma jirriżultax anqas li ser isir xi forma ta' de-kwalifikazzjoni tal-i*status* professjonali tiegħu. Jirriżulta li r-rikorrent ġie mitlub jidħol lura għax-xogħol li kien jagħmel qabel ma ġie sospiż.

**Ikkunsidrat**

Illi għalkemm huwa minnu li fi stadju ta' Mandat ta' Inibizzjoni din il-Qorti jeħtieġ li tagħmel biss eżami *prima fac*ie tal-pretensjonijiet tar-rikorrent, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha toqgħod fl-għama sempliċement fuq dak li ddikjara r-rikorrent mingħajr ebda ombra ta' prova.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti mhijiex sodisfatta li r-rikorrent effettivament għandu l-jedd *prima facie* li jivvanta li għandu. Ma' dan il-Qorti żżid li b'hekk isegwi li anqas m'għandu jirriżulta li hemm xi jeddijiet x'jitħarsu. Fin-nuqqas ta' dawn ir-rekwiżiti, il-Qorti anqas għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet dwar il-preġudizzju irrimedjabbli li r-rikorrent jgħid li għad jista' ikollu.

Illi l-Qorti ħadet konjizzjoni tas-sentenzi li saru riferenza għalihom fir-Rikors *per se* u kif ukoll dawk elenkati fin-Nota ta' Riferenzi li ġiet preżentata waqt is-seduta appuntata għas-smigħ tar-Rikors odjern u, filwaqt li tinnota li l-paraguni huma odjużi, tinnota wkoll li kull każ għandu l-fattispecie tiegħu u li l-fatti tar-Rikors odjern u dak li qed jintalab fih huma <u>totalment</u> differenti minn dawk tas-sentenzi li saru riferenza għalihom mir-rikorrent!

**Deċiżjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tagħha tal-4 ta' Frar 2022 u tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 176/2022/1 fil-konfront tas-soċjeta' intimata Gozo Channel Operations Ltd.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrent William Dingli.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**